# K U N S I L L   L O K A L I   K I R K O P

Il-Minuti tas-sitta u għoxrin (26) laqgħa tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali Kirkop li saret nhar it-Tnejn 12 ta' Lulju, 2010 fil-ħamsa u nofs ta' wara nofs in-nhar (5.30pm) fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| *Preżenti għall-Laqgħa:* | Mario Salerno Sindku |
| | Joe Carbone Viċi Sindku |
| | Rose Roberts Kunsillier |
| | Stephen Mizzi Kunsillier |
| | Ranier Busuttil Segretarju Eżekuttiv |
| *Assenti:* | Nadia Zammit Kunsillier |

S-Sindku ppresedja l-laqgħa.

**1. Qari u Konsiderazzjonijiet tal-Minuti**

1.1. Il-Minuti tal-laqgħa preċendenti tqassmu u inqraw mil-Kunsilliera.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti ġew approvati bi proponiment mis-Sindku u ssekondat mis-Sur Stephen Mizzi.

**3. Punti Mqajjma mill-Minuti**

3.1. Ma kienx hemm punti mqajjma.

## 4. Stqarrija tas-Sindku Mario Salerno

4.1. Is-Sindku qal li s-Sibt tal-festa ta' San Ġużepp kien hemm kwistjoni bil-kiosks tat-toys li rama' fejn il-Kappillan flok fejn is-sakristija kif kien miftiehem bil-permess. Is-Sindku kompla u qal li kulħadd għamel li ried. Mario qal li kellem lil ħaddiema tal-Kunsill biex jistaqsi jekk kienx hemm xi tibdil fil-permess minajr ma kien jaf hu. Tal-quddajt ramaw ukoll fil-kantunieri minkejja li kien istruwit li jarma fil-parking bases.

Rigward il-festa s-Sindku kompla jgħid ukoll li iddiżgusta ruħu bit-tajjir li sema' mil-partitarji indirizzat lil partitarji tal-każin l-ieħor.

4.2. Is-Sindku qal li l-bieraħ ċempel is-Sur Saviour Farrugia ta' l-Enemalta u saqsiena jekk applikajniex. Hu qal li qabbadna ma plakka li tridu permess ieħor għaliha. Is-Sur Farrugia qallu wkoll li daħal rapport mil-Puzzi, li kien jarma flok il-latrina. Is-Sinjura Roberts staqsiet għaliex dan għandu daqsek power. Is-Sur Mizzi qal li qabel dan kien ġie aġevolat minn Kunsilli preċedenti.

Is-Sindku qal li minn din isservina tagħlima għaliex Ricky kien responsabbli u qal li hu għandu jħallas jekk hemm xi spejjeż ulterjuri. Fi żmien l-irkotta fest dan kien imħallas li jagħmel dawn is-servizzi. Jekk bi traskuraġni tiegħu m'għandux jeħel xi ħadd mil-amministrazzjoni. Is-Sindku żied ukoll li din kienet ħaġa purament ta' amministrazzjoni u bl-ebda mod ma' kienet politika.

4.3. Is-Sindku qal li l-ħmieġ li hawn ir-raħal bħalissa qiegħed jiġi lejn ir-raħal bir-rih. Is-Sindku qal li l-kuntrattur kellu n-nies tiegħu jaħdmu biex inaddfu jumejn sħaħ minajr l-ebda tregwa. Is-Sinjura Roberts staqsiet jekk nistgħux niċċarġjaw lil tal-festa iktar sabiex inkunu nistgħu inkopru għal ispejjeż tat-tindif. Is-Sindku qalla li le ma nistgħux u kompla jgħid li l-Ħadd kien kullimkien xummiema. Fejn l-Onor. Mario Galea u l-ex Viċi Sindku Chris u l pjazza kienu nkallati u għamlu l-mirakli Raymond u n nies tiegħu.

Is-Sindku qal ukoll li kien hemm skema partikulari li fiha tlabna sabiex ikollna budget ta' €2,000 oħra sabiex jitnaddfu it-triqat tar-raħal fi żmien il-festi.

4.4. Rigward l-iskart ta' nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa is-Sindku qal li mhuwiex aċċettabbli aktar li inqabbdu lil wardens sabiex jikkontrollaw l-irregularijiet u dawn ma' jaqbdu lil ħadd! Roberts ikkonfermat ukoll għaliex ma jistax ikun li fejn joqod l-Onor Mario Galea ma jaqbdu lil ħadd.

Rose qalet ukoll li rigward żmien il-festa kien nuqqas minn naħa tagħna li ma għamilniex dust bins fi Triq Danny Cremona u fi Triq iż-Żebbiegħ. Is-Sur Carbone pero ikkontradixxa u qallha li fi Triq iż-Żebbiegħ kien hemm dust bins. Rose qalet imma li fejn il-Madonna fi Triq Danny Cremona kien mimli bl-iskart.

Is-Sur Carbone qal pero li l-Ħadd filgħodu kien ġa naddaf kullimkien. Is-Sindku ikkonferma li l-pjazez fis-2am kienu diġa xummiema u tal-Qawsalla qalulu li m'hawnx raħal aktar nadif bħal dan.

**5.1. Stqarrija tal-Viċi Sindku Joe Carbone**

5.1.1. Is-Sur Carbone qal li x-xogħol fil-Kunsill miexi ġmielu u stieden lil Kunsilliera l-oħra sabiex meta ikollhom ċans jgħaddu jaraw ix-xogħol. Hu qal ukoll li issa imiss ix-xogħol fuq in-network. Hu ssuġġerixxa wkoll sabiex insibu lil xi ħadd li iqiegħed il-madum ħallí llestu is-sala ta' fuq u nagħlqu fuq ukoll.

5.1.2. Carbone qal li hawn bżonn dawra mar-raħal kollu għas-sinjali tat-toroq għaliex kollha intfew. Is-Sindku qallu li l-aħjar dak it-tip ta' xogħol isir wara s-Sajf għaliex ma jservi xejn u jkun ħela ta' flus. Is-Sur Carbone qal pero irridu nagħmlu dawk l-iktar importanti u perikolużi bħal *stop signs* għaliex jista' jkollna xi inċident fatali. Kulħadd qabel ma' dan u għalhekk il-

ħaddiema ser jiddedikaw ġurnata biex jieħdu ħsieb jagħmlu *refreshing* ta' dawk is-sinjali l-aktar importanti.

Is-Sur Mizzi qal ukoll li Triq San Nikola fejn iċ-ċimiterju mhux ser tkun lesta sa l-aħħar ta' Lulju u s-Sindku qallu li l-WSC qed iżommu x-xogħol milli jibda minħabba li iridu l-LA bħal ma għandna bżonn aħna.

5.1.3. Is-Sur Carbone staqsa fuq l-ittra li kellna nibgħatu lil Kunsill Pastorali minħabba l-provista ta' ikel mil-Unjoni Ewropea. Is-Sindku qallu li bagħtniha u qegħdin insegwuha.

**5.2. Stqarrija tal-Kunsillier Stephen Mizzi**

5.2.1. Grawnd tal-futbol – Is-Sur Mizzi qal li x-xogħol miexi ġmielu u qal li r-ramel ser jerġa' jintefa' fejn kien. Il-ħamrija wkoll ser tibda toħroġ bil-mod il-mod u jekk il-Kunsill għandu bżonn xi ħamrija tajjeb li jitkellem issa.

5.2.2. Rigward l-iskema tan-niċeċ li għaliha ħadna €15,000 irridu nitkellmu mas-sidien tan-niċeċ sabiex nagħmlu ftehim li irridu nissottomettu d-Dipartiment tal-Kunsilli sa l-aħħar t' Awwissu. Stephen issuġġerixxa lis-Segretarju sabiex inġibu id-draft tal-ftehim biex inkunu nistgħu nibdew naħdmu fuqha.

5.2.3. Is-Sur Mizzi qal rigward l-iskart bħal ma qalet Rose mhux sew li qed inħallsu l-wardens u issuġġerixxa li fin-nuqqas ta' rapporti inwaqqfulhom il-pagamenti.

5.2.4. Is-Sur Mizzi qal li s-Sibt li għadda bdew il-lessons tal-crafts u miexi kollox tajjeb.

5.2.5. Waħda mil-affarijiet li xtaq jitkellem fuqha Stephen ukoll qal li niddraftjaw dokument fil-każ li bħal eventwalment jiġri fil-festi ikun dokumentat. Tajjeb li jkun hemm guide lines ukoll il-penali li jistgħu jkun hemm, bħala punt ta' referenza.

5.2.6. Stephen qal li l-ATM tiela' għall-approvazzjoni u li l-Kunsill ta' Ħal Kirkop qiegħed pole position. Qalulu li ser titla' għall-approvazzjoni fil-laqgha li jkun hemm darba fix-xahar.

Rigward il-BOV stess is-Sindku qal li llum infurmahom li jkollna *Social Corporate Relation* ma' bank kummerċjali. Din ir-relazzjoni ser issir sabiex il-bank jgħin lil nies fil-problemi. Il-Kunsill qabel ukoll li kemm għall-proġetti tal-kunsill u proġetti għall-familji il-Kunsill ikollu relazzjoni Social Corporate Bond mal-Bank of Valletta.

**5.3. Stqarrija tal-Kunsillier Rose Roberts**

5.3.1. Is-Sinjura Roberts issuġġeriet sabiex nibgħatu lill-Perit David Vassallo sabiex nikkomplejnjaw li Triq ir-Ramlija ġiet bottle neck u qiegħda perikoluża. Is-Sur Mizzi ssuġġerixxa li inkejlu t-triq minn naħa sa naħa qabel nibgħtu l-ittra għaliex jekk hija l-fuq minn 35 pied hija konformi.

5.3.2. Is-Sinjura Roberts qaletli semat xi nies jgħidu li qegħdin jagħtu ċitazzjonijiet lil dawk li mhux qegħdin isegwu mar-rotta issuġġerita mit-TM fid-dawl li hemm it-Triq Valletta ta magħluqa. Fuq dan ir-rigward ġie maqbul unamimament li tintbgħat ittra lit-TM sabiex ikunu infurmati bli qed jiġri u li t-tabelli qegħdin jiggwidaw ħażin lis-sewwieqa.

**6. Affarijiet oħra**

6.1. Is-Sindku qal li kellna korrispondenza u proposta sabiex il-Kunsill ikollu kollaborazzjoni ta' għaqda li jittrenjaw it-Taekwandoo sabiex ikollna xi klassijiet ġewwa Ħal Kirkop. Is-Sur Mizzi qal li ser ikellem lil instructor huwa.

6.2. Is-Sindku staqsa kemm il-kunsill qiegħed iħallas f' *tipping fees*. Jekk hemmx xi diskrepanzi u update x ħallasna fuq l-organic waste. Kellna naghut rispota lil  Chris Said. Din ser tiġi aġġornata fil-laqgħa li jmiss.

6.3. Il-Kunsill qabel li isir complaint man-Nexos, il-Kuntrattur tad-dawl tat-toroq, minħabba li ix-xogħol qiegħed idum biex isir allura il-Kunsill mhux kuntent b'dan is-servizz.

6.4. Illum il-Kunsill iltaqa' ukoll sabiex jiġu aġġudikati kwotazzjonijiet li dehru fuq il-gazzetta, kif inhu mitlub, għal diversi servizzi u xogħol.

Kwotazzjoni KLK 04/10 Provvediment u installazzjoni ta' CCTV.

Kellna erba' offerti li kienu minn għand Fire & Theft, Hermes Enterprises Ltd, Alberta u Fire Tech.

Il-kunsill qabel li inkellmu lil min tefa' l-offerta sabiex naraw nistgħux inwaħħlu il-cameras mal-pole u jkun hemm kaxxa installata ma l-istess arblu li fiha ikollha id-DVR u l-elettriku wkoll.

Kwotazzjoni KLK 05/10 Tisbieħ ta' park fi Triq l-Industrija fejn jaraw l-ajruplani.

Kellna offerta waħda biss u ġie maqbul li l-Kunsill jagħżel l-offerta tal-Hermes Enterprises Ltd li kienet tammonta għal €4650.

Kwotazzjoni KLK 06/10 Provvediment ta' bankijiet għall-proġett ta' fejn jaraw l-ajruplani.

Il-Kunsill irċieva dawn l-offerti: Bugeja Bros, Raymond Camilleri, Hermes Enterprises Ltd. Ġie maqbul li l-Kunsill jagħżel l-offerta ta' Raymond Camilleri minħabba li huma l-irħas u isbaħ.

Kwotazzjoni 07/10 Servizz ta' teacher

Il-Kunsill laqa' żewġ offerti dawk tat-TCTC Ltd u minn għand Michael Ferry. Il-Kunsill qabel li tingħażel l-offeta tat-TCTC Ltd. u li niddiskutu miegħu sabiex il-prezz ikun bħal ma dak ibbaġitjat iġifieri ta' €11.65 is-siegħa.

Kwotazzjoni KLK08/10 Servizz ta' Carer
Il-Kunsill laqa' offerta waħda biss dik tas-Sinjura Charmaine Ellul u intgħażlet lilha.

Kwotazzjoni KLK 09/10 Servizz u provvediment ta' Catering.
Fuq dan ir-rigward l-istima ġiet iktar għolja minn dik konċessa għal kwotazzjoni għalhekk irid isir tender apposta.

Kwotazzjoni KLK 10/10 Installazzjoni ta' Networking fil-Kunsill il-ġdid.
Il-Kunsill irċieva tlett kwotzzjonijiet fuq dan ir-rigward li kienu minn għand Matuel Ltd., is-Sur Robert Bondin Carter u s-Sur Michael Mifsud. Ġie maqbul li l-aħħar tnejn jiġu shortlisted u nkellmuhom sabiex naraw x'materjal jużaw u x'garanziji jistgħu ituna'.

**7. Awtorizzazjoni tal-pagamenti**

Il-pagamenti għaddew kollha. Proponuti minn Mario Salerno s-Sekondat minn Joe Carbone.

**8. Konklużjoni**

8.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.30pm.

| | |
|---|---|
| **Mario Salerno** | **Ranier Busuttil** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |